MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 2

16 ta' Lulju 2019

Minuti tas-seduta Nru. 2 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillier E. Bartolo li talab jiġi skużat minħabba impenn ieħor li huwa semma f'imejl datat 16 ta' Lulju 2019. Il-Kunsillier I. Castillo ħalla s-seduta fis-7.00 pm minħabba impenn ieħor.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 1 tal-4 ta' Lulju 2019 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.1. Ma kien hemm ebda materji mqajma mill-minuti

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa (T/5/3)

3.1.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għax-xogħlijiet imsemmija u ġibed l-attenzjoni għal parti ta' Triq il-Marfa qrib l-għajn tal-Mellieħa li saret bil-konkos. Huwa staqsa dwar ir-raġuni għaliex ma saritx bit-tarmak bħal kumplament tat-triq.

3.1.3. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg wieġeb li skont informazzjoni mogħtija minn Infrastructure Malta, it-tarmak kien qed jiċċaqqlaq kawża tal-waqfien ta' karozzi tal-linja fl-istess post u bid-dawrien tal-i*steering* ta' l-istess vetturi.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 12/07/19;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 07/06/19 – 28/06/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 10/06/19 – 12/07/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Rapport tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Onorefiċenzi – 12/07/19

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. *Bin-on-Wheels* fi Triq l-Armier (K/6/2/Vol V)

5.1.2. Saret referenza għal suġġeriment imressaq mill-Kunsillier G. Micallef permezz ta' imejl datat 5 ta' Lulju 2019, sabiex jerġa' jitpoġġa l-*bin-on-wheel* li kien hemm fil-bidu ta' Triq l-Armier, minħabba l-utilità tiegħu u l-obbligu tal-Kunsill li jipprovdi dan is-servizz.

5.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-*bin-on-wheel* indikat kien intenzjonat għall-ftit residenti tal-madwar, illi wara li tneħħa ingħataw *bins* iżgħar li jinżammu qrib id-dar tagħhom. Huwa aċċenna għall-fatt li ż-żoni tal-*boathouses* huma kollha moqdija b'għadd ta' *bin-on-wheels*.

5.1.4. Il-Segretarju ġibed attenzjoni għall-fatt li b'effett minn April 2019 tpoġġew ħames bin-on-wheels fit-tliet żoni għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax.

5.1.5. Il-Kunsill qabel li l-arranġament eżistenti għandu jinżamm.

### 5.2.1. Festa tal-Manikata (F/2/1/Vol I)(S/6/Vol VI)

5.2.2. Saret referenza għall-ittra datata 18 ta' Ġunju 2019, mibgħuta mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Manikata, fejn il-Kunsill intalab jieħu sehem fl-organizzazzjoni tal-Festa ta' San Ġużepp li ser ssir fil-25 ta' Awwissu 2019.

5.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbiżx €300. Kien hemm qbil li dan l-involviment għandu jingħata viżibilità fl-allokazzjoni ta' spazju għal messaġġ mis-Sindku fil-programm tal-festa.

### 5.3.1. Periklu fi Triq il-Knisja l-Qadima fil-Manikata (T/3/2/Vol XV)

5.3.2. Saret referenza għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta 113 tal-11 ta' Ġunju 2019 sabiex jinkiseb il-parir minn Transport Malta dwar l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing* fi triq imsemmija. Transport Malta talbu li ssir *layout plan* tal-*crossing* minħabba li l-post huwa sensittiv, filwaqt li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti minħabba li din il-proposta tinvolvi l-intallazzjoni ta' *belisha lights* bid-dwal li minnhom fihom jistgħu jikkawżaw inkonvenjent.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1. Kampanja "*Pink October Campaign 2019*" (K/11)

5.4.2. Sar aċċenn għal stedina li saret mill-Marigold Foundation u s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet, fejn sar appell sabiex matul ix-xahar ta' Ottubru kollu jinxtegħel dawl rosa fuq xi bini prominenti fil-lokalità b'appoġġ għall-kampanja magħrufa bħala *Pink Campaign 2019* li hija ntiża sabiex ikun hemm għarfien għall-mard tas-sider.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem billi tinxtegħel il-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv tul il-perjodu ndikat.

**5.5.1. Titjib fis-Sala Prof. Godfrey Wettinger** **(S/3/7/Vol IV)**

5.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferit għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta 111 tad-29 ta' April 2019 fuq il-possibiltà li l-Kunsill jgħin sabiex tinbidel l-inforra tal-purtieri li hemm fuq naħa waħda tas-sala msemmija liema post jintuża wkoll mill-komunità Melleħija. Hija qalet li s'issa kien possibbli li jinstabu żewġ stimi li jvarjaw minn €1,503 u €2,290.

5.5.4. Is-Segretarju Eżekuttiv indika l-ħtieġa li s-sejħa għall-istimi ssir mill-Kunsill u possibilment ikun hemm mill-inqas tliet stimi.

**5.6.1. Sewqan perikoluż fi Triq Għajn Żejtuna** **(T/3/2/Vol XV)**

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Ġunju 2019, fejn residenta talbet li jsiru aktar *speed humps* fit-triq imsemmija, partikularment qrib Triq iż-Żebbuġ.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom isiru żewġ *speed humps* fil-partijiet id-dritti, waħda eżatt nofs l-*S-bend* u oħra bejn Triq iż-Żebbuġ u Triq il-Pont. Kien deċiż ukoll li għandha ssir talba f'dan is-sens lil Transport Malta, kemm il-darba jkun hemm il-kunsens tar-residenti affettwati.

**5.7.1. Ipparkjar fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi** **(T/3/2/Vol XV)**

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Ġunju 2019, fejn intalab li flimkien mal-linji sofor doppji li saru quddiem id-daħla ta' Valyou Supermarket, isiru wkoll *bollards*, peress li l-imsemmija linji qed jiġu njorati.

5.7.3. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom jitwaħħlu l-*bollards* mitluba għaliex ir-restrizzjonijiet dwar l-ipparkjar huma ċari biżżejjed.

**5.8.1. Pontifikal fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja** **(F/2/Vol VIII)**

5.8.2. Sar aċċenn għal imejl datata 8 ta' Lulju 2019, mibgħut minn Festivals Malta, fejn għarrfu li minkejja dak li kien hemm qbil dwaru fil-laqgħa li saret f'Misraħ il-Parroċċa fis-3 ta' Lulju 2019, ġie deċiż li l-gwardja tal-unur issir fejn saret fl-2015 fi Triq Salvinu Vella, kantuniera ma' Triq San Pawl. Is-Segretarju għarraf li dawk kollha konċernati ġew infurmati dwar dan.

5.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll iddeċieda li l-laqgħa illi ssir kull sena mal-Pulizija tad-Distrett u l-għaqdiet kollha nvoluta mal-festi titulari fil-Mellieħa u l-Manikata ssir fid-19 ta' Awwissu 2019 fis-7.30pm, fis-Sala tal-Kunsill.

**5.9.1. *Hillclimb* f'Dawret il-Mellieħa** **(A/6/3/2/Vol 62)**

5.9.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Lulju 2019, fejn l-Island Car Club għarrfu lill-Kunsill illi għandhom l-intenzjoni li jorganizzaw l-attività msemmija nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru 2019.

5.9.3. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-organizzaturi qabel tkompli tiġi pproċessata t-talba.

**5.10.1. *Hillclimb* fit-triq tal-Miżieb** **(A/6/3/2Vol 62)**

5.10.2. Inqara imejl datat 12 ta' Lulju 2019, mibgħut mill-Malta Cycling Federation fejn intalab il-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw tellieqa fit-triq tal-Miżieb nhar is-Sibt 27 ta' Lulju 2019, bejn is-6.00 pm u s-7.30 pm.

5.10.3. Il-Kunsill oġġezzjoni li l-attività ssir fid-data ndikata, peress li ser ikun hemm it-toroq ewlenin magħluqa b'rabta mal-Iljieli Melleħin.

### 5.11.1. Sistema ta' *one-way* fi Triq Ħalq iċ-Ċawl (T/3/2/Vol XV)

5.11.2. Is-Sindku D. Vella ppropona li tiġi ntodotta sistema ta' *one-way* fit-triq imsemmija sabiex tikkumplimenta dik diġa eżistenti fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, bit-traffiku jidħol minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u jimxi fid-direzzjoni ta' Triq il-Fortizza. Huwa kompla jgħid li b'dan il-mod, ikun possibbli li jsir ipparkjar ta' vetturi fuq iż-żewġ naħat tat-triq, partikularment minħabba l-fatt li riċentement twaqqaf *hoarding* tal-konkos, 'il barra mill-bankina, sakemm jiġi żvilupp sit li hemm faċċata tad-djar eżisteni.

5.11.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa jaqbel mal-proposta skont il-minuta 5.11.2., kif ukoll ippropona li d-dħul għas-sid li qed jiġi żviluppat ikun minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u mhux minn Triq il-Fortizza, fejn ċertament li jikkawża konġestjoni u periklu.

5.11.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta sabiex jinkiseb kunsens minn naħa tal-istess Awtorità.

### 5.12.1. Proġetti Kapitali (F/1/31)

5.12.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aġġorna lill-Kunsill li għandu kemm beda l-mandat tiegħu, li l-proġetti kapitali mnedija mis-Seba' Kunsill huma dawk li jidhru fl-iskeda t'hawn taħt:

| Proġett | Stat ta' Implimentazzjoni |
|---|---|
| Restawr tal-Batterija ta' Westreme minn barra u titjib taċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar l-Industrija tat-Tunnara | Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti. Il-proġett huwa kofinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. |
| Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni | Il-Kunsill irtira l-kuntratt li kien ingħata peress li l-kuntrattur ma osservax l-istess kuntratt. Jeħtieġ li ssir sejħa għall-offerti oħra li tinkludi wkoll it-turġien li jwasslu minn Misraħ il-Parroċċa għas-Santwarju. |
| Tisbiħ ta' Triq Sant' Anna | Ix-xogħlijiet waslu fi stadju avvanzat, għalkemm ħa iktar milli mistenni billi kellu jsir sub-contracting, kif ukoll instab xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija li kompla tawwal il-perjodu tal-implementazzjoni. Il-proġett jinkludi wkoll l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing* fi Triq Sant' Anna, kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier. |
| Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun | Il-kuntratt ingħata u x-xogħol fuq il-post mistenni jibda fil-jiem li ġejjin. Il-proġett huwa kofinanzjat permezz tal-Miżura 4.4 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. |
| Bini ta' ħitan tas-sejjieħ madwar ix-Xagħra tat-Tunnara u tneħħija ta' pjanti aljeni li hemm fl-istess xagħra. | Saret applikazzjoni għall-kofinanzjament tal-proġett taħt il-Miżura 4.4 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. |
| Installazzjoni ta' Lift Panoramiku mill-Belvedere tas-Sur għas-Santwarju | Saret stima tal-lift, filwaqt li ser tiġi sottomessa applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kunsill qed jara li jottjena finanzjament għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. |

| | |
|---|---|
| Zuntier tal-Knisja Parrokkjali f'Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa) | Il-proġett kważi twettaq kollu, iżda jonqsu r-rampa għal persuni bi bżonnijiet speċjali li ser issir minn struttura ħadid u l-injam fuq in-naħa tal-Belvedere tas-Sur. Il-xogħlijiet twettqu mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura |

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.13.1. Inizjattivi mir-Reġjun Tramuntana (E/3/1/Vol III)

5.13.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li fl-iktar seduta riċenti tar-Reġjun Tramuntana ġew diskussi numru ta' korsijiet immirati lejn persuni fl-etajiet minn 13 sa 30 sena. Dawn invarjaw minn: Kura tat-Tfal, bini ta' kayak, restawr ta' vetturi antiki, bini ta' vetturi sportivi, żamma tad-dar, restawr ta' ħitan tas-sejjieħ, u tisjir.

5.13.3. Ir-Reġjun qed jara wkoll x'interess hemm f'ħarġiet kulturali, għarfien ambjentali, l-intraprenditorija; it-turiżmu, il-volontarjat, u l-isports. Is-Sur J. Buttigieg qal l-korsijiet jistgħu jsiru fil-lokalità stess, iżda jiddependi mir-rispons li jkun hemm. Huwa spjega li l-applikazzjonijiet iridu jsiru mar-Reġjun stess.

5.13.4. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk huwiex possibbli li l-applikazzjonijiet isiru b'metodu elettroniku.

5.13.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.14.1. Tindif volontarju (T/4/6/Vol V)

5.14.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li fid-9 ta' Lulju 2019, fuq iniżjattiva ta' żewġ residenti, flimkien ma' għoxrin persuna oħra sar tindif volontarju fl-inħawi tar-Ramla tal-Bir u r-Ramla ta' Kejl, qrib il-lukanda Ramla Bay. Il-Kunsill għin billi pprovda boroż u ingwanti lill-parteċipanti. Hija qalet li flimkien magħha kien hemm il-Kunsillier A. Brincat Stellini, u K. Buttigieg

5.14.3. Is-Sinjura Bartolo Cutajar ipproponiet li dawn it-tip ta' iniżizzjattivi jsiru darba fix-xahar f'postijiet differenti, bl-ewwel interventi jsiru fiż-żona tal-Aħrax. Hija ssuġġeriet li ssir oħra fid-8 ta' Awwissu 2109 qrib il-kappella tal-Kunċizzjoni bil-sehem ta' għaqdiet Melleħin.

5.14.4. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

### 5.15.1. Tagħrif stampat dwar l-ġbir tal-iskart (K/6/11)

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-abbozz tal-*flyer* dwar il-ġranet tal-ġbir tal-iskart domestiku, mgħoddi minn GreenPak. Hija kkummentat li fuqu għandha ssir referenza li l-iskart jista' jinħareġ mhux iktar minn sagħtejn qabel jibda l-ġbir. Ipproponiet li dan ikun daqs A4 u jkun hemm lista bil-kategoriji differenti tal-iskart fuq in-naħa ta' wara tal-istess *flyer*.

5.15.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-artiku 4 tal-Att dwar Żibel u Skart (Kap. 206) ma jistipulax ħin speċifiku meta jinħareġ l-iskart, imma jgħid li dan għandu jiġi depożitat biex jinġabar "*f'ħin raġonevolment viċin għal, u qabel, il-ħin li fih ordinarjament isir il-ġbir taż-żibel f'dak il-post*".

5.15.4. Il-Kunsillier M. Abela ssuġġerixxa li l-kontenut tal-*flyer* jiġi riprodott fuq il-U-*barriers* eżistenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

5.15.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal li huwa ma jaqbilx li jsiru tabelli l-iskart, peress li anke dawn ma jagħtux dehra sabiħa.

5.15.6. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa fil-minuta 5.15.2.

**5.16.1. Infurzar tar-regolamenti dwar id-depożitu tal-iskart** **(W/3/Vol XI)**

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċenna għall-abbużi persistenti li qed ikun hemm bid-depożitu ta' skart fit-turġien li jagħtu għal Triq Ġorġ Borg Olivier. Apparti li dawn qed jitqiegħed f'dawn il-postijiet wara li ssir it-tieni ġabra, qed jiġri li t-tip ta' skart li jkun tħalla ma jkunx ser jinġabar l-għada. Hija appellat sabiex il-Kunsill jitlob servizz ta' infurżar tal-liġi biex dawn abbużi persistenti jinqatgħu.

5.16.3. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni li jista' jagħti l-fatt illi r-residenti mhumiex konvinti li l-awtoritajiet kompetenti qed jagħmlu l-infurzar mistenni u għalhekk huwa importanti li l-istatistiċi dwar il-każi li jiġu rrappurtati jkunu ppubblikati.

5.16.4. Il-Kunsill qabel li l-iktar ġranet sensittivi u li fihom l-infurżar ikun effettiv huma nhar ta' Tlieta u s-Sibt fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar, permezz tal-uffiċjali tal-LESA flimkien mal-Cleansing Services Division, jew permezz ta' xi servizz ieħor disponibbli bħalma huwa l-Tim tal-Pulizija tal-Komunità.

**5.17.1. Proġett pilota dwar *Community Policing*** **(P/9/Vol IV)**

5.17.2. Il-Viċi Sindku aċċenna għall-kuntatti mal-Pulizija b'rabta ma' proġett pilota rigward servizz ta' Pulizija fil-Komunità *(Community Policing)*, liema kuntatti nbdew f'April 2019. Is-Sur J. Buttigieg spjega li t-tim involut ser ikun magħmul minn surġent u tliet kuntistabbli li kull wieħed minnhom ser ikun responsabbli minn żona fil-parti urbana tal-Mellieħa, inkluż il-Manikata. Fost aspetti oħra, dawn ser jittrattaw il-preokkupazzjonijiet tar-residenti, li mhux neċessarjament ikunu personali, iżda jkunu ta' natura ġenerali, bħalma huma, is-sigurtà tat-tfal fejn l-iskejjel, abbużi relatati ma' depożitu llegali ta' skart, ingombri, użu ta' makkinarju ta' kostruzzjoni, imġieba suspettuża, eċċ. Il-proġett qed jitwettaq taħt id-direzzjoni ta' konsulent miġjub mir-Renju Unit u mistenni jibda fl-1 ta' Awwissu 2019 u jintemm f'Jannar 2020, meta wieħed jittama li jkun irnexxa u jitkompla fuq bażi permanenti. Ser tittieħed l-opportunità biex jitqassam *flyer* li jispjega l-għanijiet tal-*community policing*, fis-serata ta' Jum il-Kunsill u waqt l-Iljieli Melleħin.

5.17.3. Is-Segretarju qal il-flyer li sar mill-Pulizija kien bl-Ingliż. Ittieħdet iniżjattiva mill-Kunsill sabiex jitqassam ieħor bil-Malti u bl-Ingliż. Huwa għarraf ukoll li ġiet allokata kamra fil-parti t'isfel tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, fejn ġie miftiehem li l-istess Kunsill jipprovdi l-*permanent fixtures*, filwaqt li d-Dipartiment tal-Pulizija jaħseb għall-għamara, it-tagħmir elettroniku u r-risorsi umani meħtieġa. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li minn naħa tiegħu ħejja ftehim bil-kitba li jirregola l-użu tal-uffiċċju allokat b'titolu ta' *commodatum*. L-abbozz tal-ftehim ġie mgħoddi lid-Dipartiment tal-Pulizija għall-approvazzjoni tagħhom.

5.17.4. Il-Kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim skont il-kondizzjonijiet deskritti fil-minuta 5.17.3.

5.17.5. Kien hemm qbil li għandha ssir preżentazzjoni lill-Kunsill kollu mill-konsulent imsemmi – is-Sur Christopher Bull – fis-seduta li jmiss.

**5.18.1. Tisbiħ tat-turġien** **(P/4/17)**

5.18.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li l-Kunsill jikkonsidra jtejjeb id-dehra tat-turġien pubbliċi meta wieħed iħarsilhom minn naħa t'isfel tagħhom. Osservat illi f'ċerti lokalitajiet fi Sqallija dawn jissebbħu permezz ta' madum iddisinjat fil-parti l-wieqfa tat-taraġ, hekk li meta tħarsilhom minn isfel ikun jidher disinn wieħed.

5.18.3. Is-Segretarju aċċenna li din l-ideja diġà ġiet introdotta fit-turġien ta' Triq il-Madonna tal-Għar u dak ta' Triq il-Kappillan Magri li jaqbdu ma' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-ideja skont il-minuta 5.18.2. hija aktar elaborata u jista' ikun li teħtieġ permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, partikularment jekk it-taraġ ikun fiż-żona ta' konservazzjoni urbana (*UCA*).

**5.19.1.** ***European Mobility Week 2019*** **(A/4/5/Vol II)**

5.19.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għal imejl datat 12 ta' Lulju 2019, fejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali stiednet lill-Kunsilli Lokali jieħdu sehem f'kompetizzjoni mnedija minn Tansport Malta li tinvolvi għotjiet biex isiru attivitajiet b'rabta ma' din il-kampanja, bejn is-16 u t-22 ta' Settembru 2019. Din il-kompetizzjoni hija mmirata biex tippromwovi trasport sostenibbli fuq livell lokali. Hija għarrfet li se tattendi laqgħa ta' informazzjoni fid-19 ta' Lulju 2019. Id-data tal-għeluq hija l-31 ta' Lulju 2019.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Servizz dwar tindif ta' toroq urbani** **(T/4/5/Vol IV)**

5.20.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ikkummentat li l-istat tal-indafa ta' ċerti toroq jista' ikun aħjar, forsi biż-żieda ta' kennies ieħor minħabba t-tul ta' toroq involuti.

5.20.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li ħafna drabi l-kwalità tax-xogħol tiddependi mill-persuni nvoluti fih. Għadaqstant, tibdil fil-ħaddiema jista' iħalli effett fuq jekk ir-rotot jiġux koperti kollha jew le.

5.20.4. Is-Segretarju kkummenta wkoll li għalkemm huwa veru t-tulijiet tat-toroq huma konsiderevoli, ħafna drabi ma jkunx jeħtiġilhom kinsa matulhom kollha, iżda sempliċiment jiġu spezzjonati skont il-frekwenza stipulata fil-kuntratt u minnhom biss jinkinsu partijiet qosra. Is-Sur C. Debono qal ukoll li bħal servizzi oħra li jirrendi l-Kunsill, il-kwalità tagħhom tkun inferjuri minħabba nuqqas ta' superviżjoni.

**5.21.1. Skema ta' Finanzjament ghall-Gvern Lokali ghall-Kura tal-Annimali fil-Komunità** **(A/9**

5.21.2. Il-Kunsilliera M. Abela rrefera għal ċirkulari SPI.SCI.9.2019 datata 16 ta' Mejju 2019, mibgħuta mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy* dwar Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali fuq il-Kura tal-Annimali fil-Komunità. Spjega li l-iskema hija mħaddma mill-*Animal Wefare and Promotion Service Directorate* fi ħdan il-*Veterinary and Phytosanitary Regulation Department*. Huwa qal ukoll li f'laqgħa li attendew għaliha, is-Sindku, l-Viċi Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura M. Azzopardi, huwa ppreżenta l-proposta tiegħu sabiex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika mill-iskema.

5.21.3. Is-Sur Abela, spjega li l-iskema toffri għotjiet sa massimu ta' €8,000, filwaqt li l-proġett sottomess mill-Kunsill jinvolvi nefqa stmata li tlaħħaq €13,485. Dan jinvolvu l-iżvilupp ta' biċċa art devoluta lill-Kunsill li tinsab fi Triq Ġużè Flores biswit il-Park tal-Familja, li fuqha jsiru faċilitajiet fejn jinġiebu qtates għal perjodu ta' konvalexxenza wara li dawn jiġu msewwija (neutered). Biex ikun jista' isir dan, jeħtieġ li jkun hemm area magħluqa b'*chain link fence;* kamra tal-injam u nases. Is-Sur Abela qal li din l-inizjattiva għandha ttejjeb is-servizz ta' *neutering* li diġa jeżisti.

5.21.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**5.22.1. Animal Fest** **(A/5/3/Vol XII)**

5.22.2. Fid-dawl tar-responsabilitajiet fdati lilu, il-Kunsillier M. Abela, ippropona li terġa' tibda ssir attività kull sena li tippromwovi l-benesseri u l-imħabba lejn l-annimali. Din tista' issir fl-Irziezet ta' Selmun bl-involviment ta' entitajiet pubbliċi li fix-xogħol tagħhom jużaw il-klieb, bħad-Dipartimenti tad-Dwana, Protezzjoni Ċivili, u l-Pulizija. Jistgħu jipparteċipaw bdiewa u raħħala lokali. Huwa ppropona wkoll li fornituri tal-ġwies tal-annimali jiġu mistiedna jtellgħu *stands* sabiex jippromwovu l-prodotti tagħhom, filwaqt li jintalbu kontribuzzjoni sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż. Is-Sur Abela ressaq abbozz tal-programm li huwa qed jipproponi u qal li jistma li din l-attività tirrikjedi spiża ta' bejn €3,500 u €4,000. Huwa ppropona li ssir nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2019 bejn 10.30 am u l-4.30 pm.

5.22.3. Il-Kunsill innota li attivitajiet simili kienu saru fil-passat u kien tal-fehma li għandhom jiġu mtennija. Għaldaqstant kien hemm qbil li d-diskussjoni dwarha għandha titkompla fis-seduti li jmiss.

### 5.23.1. Indafa u nkonvenjenzi fuq ix-xtut **(A/9)(X/1/3/Vol VII)**

5.23.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni li l-istat tal-indafa fil-Bajja tal-Imġiebaħ mhux tal-livell mixtieq, forsi minħabba li l-frekwenza tat-tindif hija baxxa, jew mhijiex konsistenti. Huwa qal li jeħtieġ isiru tabelli "*No Camping Allowed*" anke 'il fuq mill-bajja. Aċċenna wkoll għalkemm l-Bajja tal-Imġiebaħ u dik ta' daħlet ix-Xmajjar/Torri l-Abjad huwa *animal friendly beaches*, mhemmx *bins* għall-iskart li dawn jiġġeneraw. Fir-rigward tal-Bajja tal-Għadira, is-Sur Micallef ikkummenta li għan-numru ta' nies li jiffrekwentaw din il-bajja, jeżisti nuqqas ta' *bins*.

5.23.3. Il-Kunsill innota l-kummenti li saru u talab li possibilment tittieħed azzjoni mill-entitajiet konċernati.

### 5.24.1. Park tal-Familja **(P/4/6/Vol V)**

5.24.2. l-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li huwa żar il-Park tal-Familja u tkellem mal-kustodju tal-istess post u ġew indikati lilu n-nuqqasijiet segwenti:

(a) Ħtieġa li tinbidel ix-xibka tan-*nylon* tal-*multi-purpose court*;

(b) Parti mix-xibka tal-*multi-purpose court* jeħtieġ li tkun ma' pajp oriżżontali sabiex ħadd ma jkun jista' jidħol f'din l-area, jekk mhux mir-rixtellu;

(c) Dħul tal-ilma mill-*multi-purpose court* għod-*dressing rooms* u titjib tal-art fl-istess *court*, possibilment permezz ta' SportsMalta; u

(d) Ġebel tal-gagazza li qed jinqala' minn mal-ħajt li jdawwar parti mill-korsa.

5.24.3. Ittieħdet nota ta' *items* (a) u (b), li faċilment tista' tittieħed azzjoni dwarhom. Il-Kunsill ġie mgħarraf li dwar l-*item* (d) spiss jintervjenu l-ħaddiema tal-Kunsill biex jerġa jitwaħħal il-ġebel li jinqala minn mal-ħajt.

5.24.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li hija l-intenzjoni tiegħu li jiltaqa' mal-għaqdiet sportivi bbażati fil-lokalità sabiex isir konxju tas-sitwazzjoni f'dan ir-rigward.

### 5.25.1. Attivitajiet ippjanati **(A/1/1/Vol II)(A/5/3/Vol XII)**

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li fil-laqgħa li kellha mal-Kap tal-Iskola fl-1 ta' Lulju 2019, hija ddiskutiet magħha inizjattiva parti mill-EcoSkola li tinvolvi l-Kunsill Skolastiku flimkien mal-Kunsill Lokali. Ġie ndikat ix-xahar ta' Novembru bħala l-iktar żmien addattat. Intweriet ix-xewqa li jsir tħawwil ta' siġar fil-Miżieb fiż-żona fejn inħarqu kwantità ta' siġar.

5.25.3. Il-Kunsillier G. Micallef issuġġerixxa li ssir mixtla ta' siġar indiġini fl-iskola sabiex titrawwem fit-tfal l-imħabba lejn is-siġar.

5.25.4. Is-Sinjura A. Brincat Stellini kompliet tgħarraf illi bl-involviment tal-Kunsill huwa maħsub li ssir attività fejn it-tfal tal-Iskola Primarja jintervistaw persuni anzjani u t-tweġibiet li jingħataw jinġabru fi ktieb. Hija semmiet ukoll l-attivitajiet li jsiru fuq bażi annwali, kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 21/10/2019 | Jum in-Nanniet |
| 16/11/2019 | Jum it-Tfal |
| 9 – 12/12/2019 | Christmas Market fl-Iskola Primarja |

| | |
|---|---|
| 20/04/2020 | Jum il-Ktieb |

5.25.5. Il-Kunsill innota u approva l-attivitajiet imsemmija.

## 5.26.1. *Gay Pride Week 2019* (T/3/2/Vol XV)

5.25.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li l-avveniment imsemmi ser jiġi organizzat mill-komunità LGBTIQ bejn id-9 u t-12 ta' Settembru 2019 u pproponiet li tittieħed xi inizjattiva biex tintwera solidarjetà ma' dan il-moviment.

5.25.7. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb il-permess ta' Transport Malta sabiex il-*pedestrian crossing* li hemm biswit Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II tinżebagħ bil-kuluri tal-moviment.

## 5.26.1. Taħditiet edukattivi dwar is-saħħa (A/1/1/Vol II)

5.26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 10 ta' Lulju 2019, mibgħut mid-Dipartiment tal-Kura Primarja, dwar serjè ta' taħditiet relatati mas-saħħa, li ser jibdew minn Settembru 2019. Hija pproponiet li bi ftehim mad-diriġenti taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, issir xi waħda jew iktar għall-anzjani li jiffrekwentaw dan il-post.

5.26.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 5.27.1. Serata mużiko-letterarja (P/3/5)

5.27.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għas-serata mużiko-letterarja li ġiet imtellgħa mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina fil-Bitħa tas-Santwarju fil-5 ta' Lulju 2019, li kienet tittratta l-istorja tal-istess Santwarju u l-inħawi tal-Mellieħa. Hija pproponiet li dan ix-xogħol jiġi ppubblikat bħala parti mil-Ħannieqa Kotba Melleħin.

5.27.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 5.28.1. Fondi tal-LESA sena bażi 2017 (F/1/7/Vol V)

5.28.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-ittra data 5 ta' Lulju 2019, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-allokazzjoni ta' fondi mill-LESA bil-għan li l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jfasslu u jimplimentaw inizjattivi ta' natura kulturali u soċjali. Il-Kunsill tal-Mellieħa ngħata s-somma ta' €9,071.98 għal dan il-għan għas-sena bażi 2017. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tara li l-Kunsilli Lokali ikunu konformi mal-linji gwida li tfasslu f'kull stadju. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet li dawn il-flus jiġu wtilizzati hekk:

- Ħarġiet kulturali għall-anzjani;
- Stampar ta' kotba li jappellaw għal tfal żgħar; u
- Trawwim ta' siġar u pjanti bl-involviment tat-tfal.

5.28.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

## 5.28.1. Trattament tal-ilmenti (K/1/8/Vol II)

5.28.2. Is-Sindku għarraf li bħala tibdil amministrattiv li sar minn meta beda jiffunzjona t-Tmien Kunsill, is-Sinjura Doriette Fenech Gambin ġiet inkarigata mit-trattament tal-ilmenti. Is-Sur D. Vella għaldaqstant talab lill-membri tal-Kunsill sabiex jindirizzawhom lilha.

5.28.3. Il-Kunsill ħa nota.

## 6.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg li tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 4/2019, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi r-Restawr u Rijabilitazzjoni Esterna tal-Batterija ta' Westreme;***

***Billi sar rapport tekniku mill-perit konċernat tal-20 ta' Ġunju 2019 u evalwazzjoni mis-Kumitat tal-Evalwaturi taż-żewġ offerti li saru, skont rapport datat 28 ta' Ġunju 2019; u***

***Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2019 ġew ivvutati fondi fil-Vot 7505 bis-saħħa ta' finanzjament approvat taħt il-Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020 skont ftehim bir-referenza ERDF.PA5.0115;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent North 2 South Ltd, illi rriżulta li ssottomettew l-inqas offerta finanzjarja, filwaqt li kienu wkoll konformi mal-kriterji stabbiliti fid-dokument tal-offerta.". (P/10/30)***

6.2. Is-Segretarju aċċenna li kien hemm żewġ sejħiet oħra qabel din għall-istess xogħlijiet li ma ħallewx riżultati. Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni huwa tal-fehma li kien hemm tibdil sinifikanti fis-suq minn meta saru l-istimi fl-2015. Dan it-tibdil kien riżultat taż-żieda fid-domanda għal dan it-tip ta' xogħol.

6.3. Ġie spjegat li saru rappreżentazzjonijiet mal-*Managing Authority* sabiex talloka somma addizzjonali fil-livell ta' €65,000 sabiex tagħmel tajjeb għall-baġit allokat fil-Ftehim ta' Finanzjament Preliminari li huwa €225,425 bil-V.A.T inkluża meta l-anqas offerta kif skontata tammonta għal €285,063 bil-V.A.T. inkluża. Is-Sur C. Debono qal li kemm-il darba din it-talba ma' tiġix milqugħa, il-Kunsill ikun irid jagħmel tajjeb għaliha mill-fondi ordinarji tiegħu.

6.4. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela.

## 7.1. Nominazzjonijiet għall-Onorefiċenzi tal-Ġieħ u Rikonoxximent **(A/5/3/1/Vol XVI)**

7.2. Saret referenza għar-rapport tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Onorefiċenzi tat-12 ta' Lulju 2019, fejn sar *shortlisting* ta' persuna waħda għall-onorefiċenza tal-Ġieħ u erba nomini fil-każ ta' Rikonoxximent.

7.3. Is-Sindku aċċenna għall-minuti tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni fejn ġew indikati żewġ apprezzamenti li għandhom jingħataw konsiderazzjoni.

7.4. Abbasi tal-proposti li saru mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni s-Sindku ressaq il-mozzjoni segwenti:

***"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor jew għollew l-isem tal-lokalita`;***

***Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fil-5 ta' Lulju 2019, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u***

***Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda"; u***

***Billi l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet; u***

***Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenzi "Ġieħ il-Mellieħa" għandhom jingħataw lil:***

- ***Is-Sur Michael Buttigieg – Fil-qasam tal-Politika u Sportiv***
- ***Is-Sur Hilary Fenech – Ex-Kunsillier li serva żewġ mandati;***

***filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa" għandhom ikunu:***

- ***Is-Sur Joseph Fenech – Qasam Sportiv;***
- ***Is-Sinjorina Andreana Borg – Qasam Soċjali;***
- ***L-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti - Mellieħa – Qasam Ambjentali.***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa" lil:***

- ***Lis-Sur Jimmy Sammut – Donatur tad-Demm;***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-medalji u l-insinji, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 2019.".***

7.5. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu min fost il-Kunsillieri preżenti waqt id-diskussjoni dwar dan is-suġġett, li kienu: is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri M. Abela, R. Bartolo Cutajar; A. Brincat Stellini, K. Buttigieg; u G. Micallef. Il-Kunsillier M. Abela ssekonda l-mozzjoni.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol XVI)

8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li s-serata tal-25 ta' Lulju 2019, tiġi ppreżentata mis-Sinjura Anna Bonett, filwaqt li ser issir taħt il-patroċinju tad-Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa Chris Faerne.

8.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin (A/5/3/5/Vol V)

9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-programm li jkopri it-tliet ijiem kien ġie approvat mill-Kunsill preċedenti, iżda ġie rivedut bi ftit tibdil.

9.3. Il-Kunsill approva l-programm kif ser jiġi stampat u jitqassam fid-djar.

## 10.1. Twaqqif ta' Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/3/Vol IV)

10.2. Is-Sindku D. Vella ppropona t-twaqqif ta' kumitat sabiex jistudja u jikkonsulta mal-partijiet kollha nvoluti fil-problemi li jaffettwaw it-triq in kwistjoni. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li l-membri tal-kumitat ser ikunu kif ġej:

- Il-Viċi Sindku J. Buttigieg - Chairman;
- Is-Sindku D. Vella - Membru;
- Il-Kunsillier E. Bartolo – Membru.

10.3. Is-Sur D. Vella qal li sabiex il-Kumitat jottjeni stampa sħiħa tas-sitwazzjoni jkun jeħtieġ li jsiru konsultazzjonijiet ma':

- General Retailers & Traders Union (Chamber for SME's);

- Transport Malta;
- Malta Public Transport; u
- Il-LESA.

10.4. Is-Sindku qal li huwa mmirat li l-Kumitat jikkonkludi r-rapport tiegħu fi żmien tnax-il xahar. Qal ukoll li l-Kunsillier M. Abela jista' jkun preżenti bħala kumitat meta dan jiltaqa' ma' l-entitajiet kummerċjali, billi huwa responsabbli mill-istess qasam.

10.5. Il-Kunsill approva t-twaqqif tal-Kumitat.

## 11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 12 ta' Lulju 2019.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-10 ta' Ġunju u t-12 ta' Lulju 2019.

11.5. Tressqet wkoll b'mod separat, skeda ta' infieq li sar perezz tal-*Petty Cash* li sar bejn is-7 u t-28 ta' Ġunju 2019.

11.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fil-10.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 12 ta' Awwissu 2019 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella<br>**Sindku** | Carmel Debono<br>**Segretarju Eżekuttiv** |